



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Jannar 2019 – Cham vs Il-Kunsill

(Kawża T-413/16)

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja – Iffriżar ta’ fondi – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Dritt għall-unur u għar-rispett tar-reputazzjoni – Dritt għall-proprietà – Preżunzjoni ta’ innoċenza – Proporzjonalità”

1. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti ipotetiċi li għadhom ma ġewx adottati – Esklużjoni*

(ara l-punt 39)

2. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Iffriżar ta’ fondi ta’ persuni, entitajiet jew organi assoċjati mar-reġim Sirjan – Drittijiet tad-difiża – Kommunikazzjoni tal-provi kontra – Deċiżjoni sussegwenti li żammet l-isem ta’ persuna fil-lista ta’ persuni suġġetti għal dawn il-miżuri – Ksur tad-dritt għal smigħ – Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 41(2), 47 u 52; Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punti 52-57)

3. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Iffriżar ta’ fondi ta’ persuni, entitajiet jew organi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja – Deċiżjoni li tidħol f’kuntast magħruf mill-persuna kkonċernata li tippermettilha tifhem il-portata tal-miżura meħuda fil-konfront tagħha – Ammissibbiltà ta’ motivazzjoni sommarja*

(Artikolu 296 TFUE; Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punti 72-77, 81)

4. *Unjoni Ewropea – Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Portata tal-istħarriġ*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punti 89-91, 104, 105)

5. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi – Rikors għal annullament minn persuna li tibbenefika minn politika mmexxija mir-reġim Sirjan suġġetta għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi – Tqassim tal-oneru tal-prova – Deċiżjoni bbażata fuq sensiela ta' indizji – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet*

(Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punt 92)

6. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi kontra s-Sirja – Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi assoċjati mar-reġim Sirjan – Restrizzjonijiet għad-dritt għall-proprjetà, għad-dritt għall-unur u għar-rispett tar-reputazzjoni – Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità – Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 17; Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punti 119-123, 126-128, 137-139)

7. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Drittijiet fundamentali – Preżunzjoni ta' innoċenza – Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja – Kompatibbiltà mal-imsemmi prinċipju – Kundizzjonijiet*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 48(1); Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2016/850, (PESK) 2017/917 u (PESK) 2018/778)

(ara l-punti 131-135)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 125), kif ukoll l-atti sussegwenti tagħha ta' implimentazzjoni, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/917 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2017, L 139, p. 62, rettifika fil-ĠU 2017, L 146, p. 159), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/778 tat-28 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2018, L 131, p. 16, rettifika fil-ĠU 2018, L 167, p. 36), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Cham Holding hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.